**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 587/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliott Magro)**

**vs**

**Robert Attard**

Illum, il-5 ta' Marzu 2024

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil **Robert Attard** ta' 27 sena, detentur tal-karta ta' l-identita 531991M imwieled gewwa Pieta' nhar it-18 t' Ottubru, 1991, iben Alexander u Emmanuela nee' Pulis u residenti fil-fond bin-numru 42, Kent Court, Flat 8, Triq Kent, Fgura

U akkazatu talli nhar il-25 ta' Lulju, 2019, u fil-granet ta' qabel Haz-Zabbar, b'diversi atti maghmula minnu fi iminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzioni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzioni wahda:

1. Gieghel animal isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, u dan bi ksur ta' 1-Artikolu 8 (2) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, zamm jew qabel li zzomm annimali minghajr ma kien responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom, u dan bi ksur ta' 1-Artikolu 8 (3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ma hax dawk il-passi ragonevoli f'kull cirkostanza sabiex jizgura li l-htigijiet ta' annimal li kien responsabbli ghalih, jew li qabel li jiehu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg bi pratici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri ta' l-annimal, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (4) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

II-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar it-12 ta' Marzu 2020.[2]

Rat illi l-provi tad-difiza gew dikjarati maghluqa nhar l-14 ta' Marzu 2023.[3]

---

[1] Folio 5 ta' l-atti processwali
[2] Folio 41 ta' l-atti processwali
[3] Folio 84 ta' l-atti processwali

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna allegata incidenza ta' mohqrija u nuqqasijiet fil-kura tal-annimali mill-imputat, li huwa rahhal, fil-konfront ta' baqra mir-razzett tieghu.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel referenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2020 xehdet bil-lingwa Ingliza il-veterinarju **Dr Vanessa Messina**[4]. Spjegat illi kienet tahdem mal-Animal Welfare Unit u fil-25 ta' Lulju 2019 accediet fir-razzett tal-imputat (numru TD214) fuq sejha ta' emergenza minhabba li baqra li ma seghetx toqghod fuq saqajha. Hija riskontrat baqra mitluqa mal-art li kienet vizibbilment qed tbati u kellha *body condition score* baxx hafna ghal bqara tal-halib. Fil-fehma tax-xhud, il-baqra

[4] Fol. 13-23 tal-atti processwali

kienet feruta imma ma setghetx tinvistaha sewwa minhabba l-agir tal-imputat. Minhabba l-kundizzjoni taghha, il-baqra lanqas ma kienet tajba sabiex tinqatel ghall-ikel ghalhekk, il-karkass kien ser ikollu jintrema'. Spjegat li kien facli li baqra li qed taghmel il-halib issofri ksur tal-ghadam minhabba li jekk ma tinghatax supplimenti apposta, jkollha deficjenzi ta' kalcju. F'kaz li tikser il-hip bone, ikollha titraqqad. Bhala veterinarju tal-emergenza, il-kompitu taghha f'dawn ic-cirkostanzi kien li traqqad il-baqra biex ma tkopmlix issofri izda l-imputat oggezzjoni u insista li jzomm il-baqra sakemm jghaddilha. Minkejja dan, irrifjuta ukoll li jcempel u jinkariga veterinarju privat fil-prezenza tax-xhud u ghalhekk, mexxiet b'rapport kontra l-imputat. Tispjega li waqt din il-vista kienet akkumpanjata minn zewg bicciera Samuel Mangion u Marvic Ellul. Minn ricerka li ghamlet, irrizulta li l-baqra eventwalment mietet fir-razzett fl-1 ta' Awwisu 2019, probabbilment b'hafna tbatija. Meta bhima tmut f'dawn ic-cirkostanzi, il-karkass ikollu jintrema' l-Wasteserve ghax ma jistax jigi kkunsmat. Ikkonfermat li hija imliet u ffirmat id-dokumenti[5] ezebit a Fol. 24, 26 u 27 tal-atti u spjegat li l-baqra in kwistjoni hija identifikata permezz tan-numru taghha fin-National Livestock Register.

Illi minn dawn id-dokumenti jirrizulta li l-baqra in kwistjoni kienet fi stat hazin tant li ma setghetx toqghod fuq saqajha u li x'aktarx kellha ksur ta' l-ghadam tal-genbejn. L-istess baqra giet ukoll ikonfermata mhix tajba ghal konsum u li ghandha tinqatel sabiex ma tbaghtix aktar. Fl-istess dokumentazzjoni hemm ikkonfermat li s-sid ma rridx li joqtolha jew li isejjah tabib veterinarju privat sabiex tiehu iktar kura.

Ix-xhud giet prodotta in kontro ezami b'mezzi awdjovizivi fis-seduta tas-7 ta' Frar 2023[6]. Ikkonfermat li kien l-imputat li talab emergency call u li fir-razzett kien hemm hafna baqar appropozitu ghax huwa razzett tal-halib. Tghid li hija

[5] Dok VM1-8, Folio 24-32 ta' l-atti processwali
[6] Fol. 78-83 tal-atti processwali

illimitat ruhha fuq il-baqra in kwistjoni u ma ezaminatx baqar ohrajn jew it-tip u l-kwantita` ta' ikel li kienu qed jinghataw. Tispjega li l-baqra kienet mal-art f'kundizzjoni ta' sahha hazina hafna tant li ma setghetx tqum bil-wieqfa. Tghid li setghet tissuspetta frattura izda biex tikkonferma mija fil-mija irid isir x-ray, xi haga difficli fic-cirkostanza. Iccarat li l-iskop tal-emergency call huwa sabiex jigi determinat jekk il-bhima ghandhiex tinqatel, u jekk iva, x'ghandu jsir mill-karkass u cioe` jekk hux tajjeb ghall-konsum jew jekk hux ghar-rimi. Izzid li matul il-gimgha bejn l-ispezzjoni u l-mewt tal-baqra, kien ikkuntattjaha l-imputat u qal li l-baqra kienet tmexxiet gewwa pen ohra. Dwar dan ix-xhud uriet thassib ghax il-baqra lanqas biss kienet kapaci tqum fuq saqajha ahseb u ara timxi.

Fl-istess seduta xehed **Marvic Ellul**[7], biccier. Spjega li f'dan il-kaz, huwa kien prezenti fil-razzett tal-imputat f'Haz-Zabbar u l-veterinarja kienet iddecidiet li l-baqra in kwistjoni mhux tajba ghall-konsumatur u allura kellha titraqqad u tintrema' l-Wasteserve. Meta l-veterinarja infurmat lill-imputat b'dan, hadha bi kbira u stqarr li xtaq jimmedikaha u jzommha hajja. Meta l-veterinarja baqghet tinsisti li mhux f'kundizzjoni li tibqa' hajja, l-imputat "*ghaddas rasu u telaq 'l hemm*". Ma jafx x'sar mill-baqra sussegwentament.

In kontro-ezami waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2020[8], ix-xhud qabel li fir-razzett tal-imputat kien hemm numru kbir ta' baqar ohrajn, cirka mitejn, li ma kien hemm l-ebda problema bihom. B'referenza ghall-baqra in kwistjoni, spjega li ma kienx jaf x'kienet il-kawza tal-istat li nstabet fih izda kkonferma li l-imputat kien stqarr fil-prezenza tieghu li xtaq idewwi lill-baqra.

Fl-istess seduta xehed **Samuel Mangion**[9], biccier. Spjega li meta jmorru fuq emergenza f'razzett, ikunu akkumpanjata minn veterinarju li jiddetermina jekk

---

[7] Fol. 50-52 tal-atti processwali
[8] Fol. 47-49 tal-atti processwali
[9] Fol. 37-40 tal-atti processwali

il-karkass tal-bhima, ladarba tigi maqtula hux tajjeb ghall-konsum jew inkella ghandux jintrema'. F'dan il-kaz, il-baqra kienet mitluqa mal-art u l-veterinarja kienet iddecidiet li l-laham taghha mhux tajjeb ghall-konsum. L-imputat madankollu beda joggezzjona li l-baqra tinqatel u telqu minn fuq il-post.

In kontro-ezami waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2020[10], ix-xhud qabel li fir-razzett tal-imputat kien hemm numru kbir ta' baqar ohrajn, cirka mitejn, li ma kien hemm l-ebda problema bihom. B'referenza ghall-baqra in kwistjoni, spjega li ma kienx jaf x'kienet il-kawza tal-istat li nstabet fih.

**Ikkunsidrat**

**Sottomissjonijiet tal-partijiet**

Il-prosekuzzjoni u d-difiza trattaw il-kawza fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2023[11].

Il-prosekuzzjoni tibbaza ruhha fuq l-ispjegazzjonijiet moghtija mill-veterinarja Dr Vanessa Messina biex issostni li ghandha tirrizulta htija u dan partikolarment minhabba li l-fatt li minkejja li kien informat minnha li l-baqra ghandha titraqqad ghax kienet qed issofri, l-imputat insista li ma titraqqadx u fil-fatt mietet fir-razzett gimgha wara fejn probabbilment, tenut kont il-kundizzjoni taghha, ghaddiet minn hafna sofferenza.

Mill-banda l-ohra, id-difiza tghid li l-akkuzi ma jirrizultawx minhabba li huwa karenti l-element tal-mens rea. Issostni li l-insistenza tal-imputat li jzomm il-baqra hajja ma kienitx dovuta minn rieda diretta li din tinhaqar izda ghax genwinament xtaq li din tigi kkurata. Tenfasizza l-fatt li l-atti huma kompletament sajma minn informazzjoni dwar x'gara u ma garax matul il-gimgha li ghaddiet bejn l-ispezzjoni u l-mewt tal-baqra u ssostni li wiehed ma

[10] Fol. 47-49 tal-atti processwali
[11] Fol. 96-100 tal-atti processwali

jistax jassumi li l-baqra thalliet wahedha mal-art f'agunija sakemm eventwalment mietet. Taccenna li forsi l-imputat ghamel l-almu tieghu biex jikkuraha u jdewwiha matul dik il-gimgha. Id-difiza tghid ukoll li l-fatt li Dr Vanessa Messina ghamlet ir-rapport taghha aktar minn gimgha wara l-ispezzjoni juri li waslet ghall-konkluzjoni taghha sempliciment fuq il-fatt li l-baqra eventwalment mietet u mhux ghax f'dak il-hin, sabet xi evidenza ta' mohqrija. Bl-istess mod, ma hemm l-ebda provi konkreti dwar ghalfejn il-baqra spiccat f'dak l-istat hazin ab initio. Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Alban Josef Saliba* (dec. 8 ta' Lulju 2016). In kwantu ta' procedura, id-difiza ssostni illi kemm il-darba il-prosekuzzjoni qed tistrieh fuq l-opinjonijiet espresso minn Dr Vanessa Messina fix-xhieda taghha bhala espert ex-parte, dan mhux ammissibbli ghax fil-kamp penali, xhud ex-parte jista' jixhed biss fuq fatti u mhux opinjonijiet. Tikkonkludi tghid li l-assjem tac-cirkostanzi jindika li ma provi tal-ebda nuqqasijiet jew intenzjoni hazina di parti tal-imputat u allura ghandu jigi liberat minn kull thija u piena.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti mhuiex ikontesta illi l-imputat huwa s-sid u l-persuna responsabbli tal-annimal in kwistjoni u cioe il-baqra mertu tar-rapport. L-anqas mhuwa ikkontestat li din il-baqra ma kienitx b'sahhitha u li kienet dghajjfa u marid fiz-zmien tas-spezzjoni. Ghaldaqstant bhala bazi preliminari huwa accetta li l-imputat huwa l-persuna korretta li seta jassumi r-responsabilita o meno ta' dan l-annimal.

Li huwa ikkontesta mid-difiza huwa l-mens rea tieghu. Id-difiza itenni li l-imputat ma kellu ebda intenzjoni li jikkaguna mohqrija jew li ma jagtiex il-kura necessarja. Madankollu filwaqt li l-imputat mhuiex obbligat jipprova xejn, una volta li ghamel sottomissjoni li l-imputat kellu kull intenzjoni li jiehu hsieb l-

annimal sew kien jispetta ghalih li juri x'passi u azzjonijiet ghamel f'dan ir-rigward kemm il-darba irrid jisosstanzja l-argument tieghu.

Mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta b'mod car li l-annimal in kwistjoni gie spezzjonat fil-presenza ta' diversi ufficjali tad-Dipartiment ghar-Regolazzjoni Veterinarja u Sahha tal-Pjanti. Mill-ispezzjoni irrizulta b'mod car li l-annimal kien qed ibaghti u l-imputat inghata istruzzjonijiet cari sabiex l-annimal ma jibqax ibaghti. Madankollu l-imputat injora ghal kollox dawn l-istruzzjonijiet u halla l-baqra minghajr kura ta' tabib veterinarju privat sakemm eventwalment mietet gimgha wara.

Il-Qorti tqis ukoll li x-xhieda tat-tabiba Dr. Vanessa Messina huwa legalement validu u ma taqbilx mas-sottomissonji tad-difiza li hija xhud espert *ex parte* ghaliex hi xehedet fil-kapacita taghha bhala ufficjal tad-dipartiment. Minn imkien ma jirrizulta li giet mahtur f'ebda kapacita, inkluz *ex parte* bhala espert jew skont l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali. It-tabiba kienet ufficjal fi hdan id-Dipartiment li parti mill-kariga taghha kien necessarjament jinvolvi li tattendi u taghmel spezzjonijiet fl-irziezet. In sostenn ta dan mill-atti ma jirrizultax rapport ta' espert tant li din il-Qorti ma ghandiex il-bazi li tapplika l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali fid-decide taghha.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni rnexxiliha tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-imputat u ghalhekk sejra tghaddi sabiex issibu hati.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[12], li hija waha li ma thassibx lill-Qorti.

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(2), 8(3) u 8(4) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Robert Attard **hati** ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u tikkundannah multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) li ghandhom jithallsu fi zmien sena millum skont l-artikolu 14(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar il-5 ta' Marzu 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**

[12] Fol. 4 ta' l-atti processwali